Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

# Il-Premju "Sindku Paweł Adamowicz"

għall-kuraġġ u l-eċċellenza
fil-promozzjoni tal-libertà,
is-solidarjetà u l-ugwaljanza



#AdamowiczAward

GDAŃSK

ICORN
INTERNATIONAL CITIES OF REFUGE NETWORK

Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni

# Il-Premju "Sindku Paweł Adamowicz"

## għall-kuraġġ u l-eċċellenza fil-promozzjoni tal-libertà, is-solidarjetà u l-ugwaljanza

**ppreżentat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fi sħubija man-Network Internazzjonali tal-Bliet ta' Rifuġju u l-Belt ta' Gdańsk**

Is-Sindku Paweł Adamowicz laħaq membru tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fl-2011, u ffoka l-attività tiegħu biex jitrawmu s-solidarjetà, l-integrazzjoni tal-migranti u l-minoranzi, id-djalogu mas-soċjetà ċivili, u biex jiġu promossi d-drittijiet fundamentali fl-iżjed livell qrib iċ-ċittadin. Huwa kien elett għall-ewwel darba bħala Sindku ta' Gdańsk fl-1998, u serva lill-belt f'dik il-pożizzjoni sakemm inqatel fit-13 ta' Jannar, 2019.

**Kien tassew Ewropew, sindku, u ċittadin eżemplari.**

Huwa u jaħdem għad-demokrazija u jirrappreżentaha fil-livell lokali, żamm kuntatt ma' dawk li ħafna drabi ma jingħatawx widen, offra solidarjetà lil dawk fil-bżonn, u argumenta favur id-diversità li tagħmel is-soċjetajiet tagħna aktar miftuħa u aktar rikki. Huwa daħħal lill-Belt ta' Gdańsk fin-Network Internazzjonali tal-Bliet ta' Rifuġju (ICORN) fl-2017.

L-istabbiliment ta' dan il-Premju qed jonora u jirrikonoxxi lil kull min jaħdem b'kuraġġ u integrità kontra l-intolleranza, ir-radikalizzazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, l-oppressjoni u l-ksenofobija; lil dawk li jippromovu l-opportunitajiet indaqs, l-integrazzjoni soċjali u d-drittijiet fundamentali; lil dawk li jitnebbħu minn Paweł Adamowicz u jżommu ħaj il-wirt li ħalla.

Il-Premju jirrappreżenta sinjal qawwi ta' tama għar-rappreżentanti eletti, l-uffiċjali u ċ-ċittadini ordinarji kollha li, minkejja r-riskji, jgħixu biex id-demokrazija tkun effettiva fil-livell lokali billi jappoġġjaw komunitajiet aħjar u aktar miftuħa.

Dan se jonora lil dawk li jibnu l-pontijiet u jġarrfu l-ħitan, b'sens ċar ta' responsabbiltà għall-ġenerazzjonijiet futuri – persuni li jwittu t-triq għal bidliet soċjetali favur dawk l-aktar dgħajfa, mingħajr ma joqogħdu lura minn kwalunkwe ġlieda biex iħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili, fil-livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali.

Il-Premju se jippreżenta l-legat tas-Sindku Paweł Adamowicz lil udjenza usa', bil-għan li jispira lill-politiċi lokali u reġjonali fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha biex jibnu fuq il-ħidma li beda.



GDAŃSK

ICORN
INTERNATIONAL CITIES OF REFUGE NETWORK

#AdamowiczAward